MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 85/2004

**J.M. CONSTRUCTION LIMITED**

**Vs**

**FRANCIS SCICLUNA**

Il-Qorti,

Rat l-atti tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ippremettiet illi kienet dahlet fi ftehim mal-konvenut sabiex hija tixtri u takwista bicca art gewwa Birzebbugia fuq liema art l-konvenut dejjem sostna li ghandu titolu validu skond il-ligi;

Ippremettiet illi ma dan il-ftehim mall-konvenut, is-socjeta' attrici hallset is-somma ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) kif ukoll is-somma ta' hamest elef, disa' mija u

erbgha u sittin lira maltin (Lm5,964) rappresentanti hlas iehor maghmul lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex jithallas kont dovut mill-konvenut;

Ippremetttiet illi s-socjeta’ attrici regghet hallset is-somma ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000) u dan wara li l-ftehim li kien inizjalat f’Lulju 1995 rega’ gie mgedded permezz ta’ ftehim iehor datat 3 ta’ Lulju 2003 biex b’hekk is-socjeta’ attrici kienet hallset lill-konvenut is-somma komplessiva ta’ tletin elf disa’ mija u erbgha u sittin lira Maltin (Lm30,964) liema ftehim sar abbazi u bl-intendiment car li t-trasferiment isir jekk jirrizulta li l-konvenut ghandu titolu validu skond il-ligi;

Ippremettiet illi mir-ricerki maghmula mis-socjeta’ attrici rrizulta li l-konvenut ma ghandu ebda titolu fuq l-bicca art gewwa Birzebbugia b’dana li huwa dahal fi ftehim mas-socjeta’ attrici minghajr ma kellu ebda titolu validu skond il-ligi fuq l-imsemmija art b’dana li ha s-somma globali ta’ tletin elf disa’ mija u erbgha u sittin lira Maltin (Lm30,964) meta kien jaf li ma setgha qatt jikkonkludi n-negozju tal-imsemmija art u dan peress li ma kellu ebda titolu validu skond il-ligi;

Ippremttiet illi s-socjeta’ attrici meta rrizultalha li l-konvenut ma kellu ebda titolu validu fuq l-art gewwa Birzebbugia hija talbitu jirrifondi s-somma ta’ tletin elf disa’ mija u erbgha u sittin lira Maltin (Lm30,964) mhallsa lilu u minkejja li gie interpellat kemm verbalment kif ukoll permezz ta’ ittra interpellatorja sabiex jaghmel dan huwa naqas li jersaq ghar-rifuzjoni ta’ dina s-somma b’konsegwenza li s-socjeta’ attrici qeghda tkompli ssofri danni ngenti minhabba n-nuqqas ta’ rifuzjoni ta’ dina s-somma;

Ippremttiet illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta *stante* li dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta’ attrici l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x’jaghti;

Talbet ghalhekk is-socjeta' attrici biex ighid l-konvenut in vista tal-premess ghaliex ma ghandiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1) Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap.12 tal-ligijiet ta' Malta;

2) Tikkundanna lill-konvenut jhallas is-somma ta' tletin elf disa' mija u erbgha u sittin lira Maltin (Lm30,964) mhallsa lilu inkluz l-imghax legali mid-data li l-konvenut rcieva l-flus;

Bl-ispejjez inkluz dik ta' l-ittra interpellatorja u bl-imghax relatat sal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni w'in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konveut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;
Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------